

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1226/2013

tad-29 ta' Novembru 2013

**li jistabbilixxi d-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbi mill-1 ta' Diċembru 2013**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jiaprovdli li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 19 00, 1001 11 00, ex 1001 91 20 (qamħ komuni, għaż-żrīgħ), ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żrīgħ), 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju għall-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbi għall-konsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Dorganali Komuni.
- (2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jiaprovdli li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju għall-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu

msemmi, għandhom jiġu stabbiliti fuq bażi regolari l-prezzijiet rappreżentativi tal-importazzjoni CIF għall-prodotti kkonċernati.

- (3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 19 00, 1001 11 00, ex 1001 91 20 (qamħ komuni, għaż-żrīgħ), ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żrīgħ), 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju għall-importazzjoni huwa kkalkulat fuq il-prezz rappreżentativi tal-importazzjoni CIF ta' kull jum iddeterminat skont il-metodu spċifikat fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji għall-importazzjoni għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2013, applikabbi sakemm jidħlu fis-seħħ dazji għall-importazzjoni ġodda.
- (5) Minħabba l-htiegħa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika malajr kemm jista' jkun wara li tkun disponibbli d-dejta aġġornata, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu,

### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Mill-1 ta' Diċembru 2013, id-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament abbażi tal-informazzjoni fl-Anness II.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu fll-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,  
Fissem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5.

## ANNESS I

**Dazji għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbi mill-1 ta' Diċembru 2013**

Kodiċi NM	Isem tal-merkanzija	Dazju għall-importazzjoni (¹) (EUR/t)
1001 19 00 1001 11 00	QAMĦ durum ta' kwalità għolja	0,00
	ta' kwalità medja	0,00
	ta' kwalità baxxa	0,00
ex 1001 91 20	QAMĦ komuni, għaż-żrīgħ	0,00
ex 1001 99 00	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, għajr dak għaż-żriegħ	0,00
1002 10 00 1002 90 00	SEGALA	0,00
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żriegħ, għajr l-ibridi	0,00
1005 90 00	QAMĦIRRUM, għajr dak għaż-żriegħ (²)	0,00
1007 10 90 1007 90 00	SORGU tal-qamħ, għajr ibridi għaż-żriegħ	0,00

(¹) L-importatur jista' jibbenefika, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, minn tnaqqis fid-dazji ta':

- 3 EUR/t, jekk il-port tal-ħatt ikun fil-Baħar Mediterranean (l-hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed, jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċeani Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,
- 2 EUR/t, jekk il-port tal-ħatt jinsab fid-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja, il-Isvezja, fir-Renju Unit jew fuq il-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika, jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Ocean Atlantiku.

(²) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jiġu rrispettati.

## ANNESS II

**Informazzjoni għall-kalkolu tad-dazji stipulati fl-Anness I**

15.11.2013-28.11.2013

(1) Il-kwantitajiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

	Qamħ komuni (1)	Qamħirrum	Qamħ durum kwalità għolja	Qamħ durum, ta' kwalità medja (2)	Qamħ durum ta' kwalità baxxa (3)	(EUR/t)
Borża	Minnéapolis	Chicago	—	—	—	
Kwotazzjoni	203,08	122,01	—	—	—	
Prezz FOB l-Istati Uniti tal-Amerika	—	—	222,66	212,66	192,66	
Primjum tal-Golf	—	28,32	—	—	—	
Primjum tal-Għadajjar il-Kbar	37,83	—	—	—	—	

(1) Primjum pożittiva ta' EUR 14/t inkorporat (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

(2) Skont ta' EUR 10/t (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

(3) Skont ta' EUR 30/t (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

(2) Il-kwantitajiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

Spejeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku — Rotterdam: 17,27 EUR/t

Spejeż għat-trasport: L-Għaddajjar il-Kbar — Rotterdam: 51,31 EUR/t